DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/391

tat-3 ta' Marzu 2022

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-65 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972 (il-"Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi") daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 1975.

(2) Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid is-sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni. Hija tista' biss tagħmel tibdiliet fl-Iskedi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), iżda tista' tiddeċiedi wkoll li ma tagħmilx bidliet irrakkomandati mid-WHO.

(3) Il-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 (il-"Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi") daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 1976.

(4) Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi tista' tiddeċiedi li żżid is-sustanzi mal-Iskedi ta' dik il-Konvenzjoni, jew li tneħħihom, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Hija għandha setgħat diskrezzjonali estensivi biex tieħu kont ta' fatturi ekonomiċi, soċjali, legali, amministrattivi u fatturi oħrajn, iżda ma tistax taġixxi b'mod arbitrarju.

(5) Il-bidliet fl-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi għandhom riperkussjonijiet diretti fuq il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI ([1]) tapplika għas-sustanzi elenkati fl-Iskedi ta' dawk il-Konvenzjonijiet. Għalhekk, kwalunkwe tibdil fl-Iskedi annessi ma' dawk il-Konvenzjonijiet jiġi inkorporat direttament fir-regoli komuni tal-Unjoni.

(6) Matul il-65 sessjoni tagħha, skedata għal bejn l-14 u t-18 ta' Marzu 2022 fi Vjenna, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha tiddeċiedi dwar iż-żieda ta' tliet sustanzi ġodda mal-Iskedi tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(7) L-Unjoni mhix parti fil-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jew il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. Hija għandha status ta' osservatur bla ebda dritt tal-vot fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li minnhom tnax-il Stat Membru huma membri tagħha bid-dritt tal-vot fil-65 sessjoni tagħha ([2]). Huwa meħtieġ li l-Kunsill jawtorizza lil dawk l-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt dawk il-Konvenzjonijiet, peress li tali deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi ġodda mal-Iskedi tagħhom jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

([2]) L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

(8) Id-WHO rrakkomandat iż-żieda ta' żewġ sustanzi ġodda fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi u sustanza waħda ġdida fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(9) Is-sustanzi l-ġodda li ġew rieżaminati mill-Kumitat tal-Esperti tad-WHO dwar id-Dipendenza fuq id-Droga ("il-Kumitat tal-Esperti") u li ġew irrakkomandati biex jiġu skedati mid-WHO huma mmonitorjati miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga bħala sustanzi psikoattivi ġodda skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(10) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Esperti, il-brorfina (isem kimiku: 1-{1-[1-(4-bromofenil) etil] piperidin-4-yl}-1,3-diidro-2*H*-benżimidażol-2-on) huwa oppjojde sintetiku simili għal oppjojdi sintetiċi oħra bħall-morfina u l-fentanil. Brorfina tista' tkun konvertibbli għal bezitramide, li hija oppjojde elenkata fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Il-brorfina ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma ġiet awtorizzata titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li l-brorfina qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tagħha taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-brorfina titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(11) Il-brorfina nstabet f'erba' Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas tliet Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' intossikazzjoni mhux fatali waħda u bħalissa tinsab taħt monitoraġġ intensiv miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga.

(12) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tiżdied il-brorfina mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(13) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, metonitażen (isem kimiku: *N*,*N*-diethyl-2-(2-(4-metossibenżil)-5-nitro-1*H*-benzo [d] imidazol-1-yl) ethan-1-amine) huwa opjojde sintetiku strutturalment simili għal isotonitażen u etonitażen, li t-tnejn li huma huma elenkati fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi. Il-metonitażen ġiet studjata f'mudelli prekliniċi għall-effetti analġeżiċi tagħha iżda mhuwiex magħruf li għandha xi użu terapewtiku. Hemm biżżejjed evidenza li l-metonitażen qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tagħhha taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-metonitażen titqiegħed fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(14) Il-metonitażen instabet fi tliet Stati Membri u hija kkontrollata f'mill-anqas tliet Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' fatalità waħda u bħalissa tinsab taħt monitoraġġ intensiv miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga.

(15) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tiżdied il-metonitażen mal-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

(16) Skont il-valutazzjoni tal-Kumitat ta' Esperti, l-ewtilon (isem kimiku: 1- (1,3-benżodiossol-5-il) -2- (etilammin) butan-1-on) hija katinon sintetiku, li tippreżenta struttura kimika simili għal u similaritajiet farmakoloġiċi għal, amfetamini u l-katinoni diġà taħt kontroll internazzjonali. Il-katinoni relatati, bħall-metilon u l-*N*-etilnorpentilon, huma elenkati fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi. L-ewtilon ma għandha l-ebda użu terapewtiku u lanqas ma ġiet awtorizzata titqiegħed fis-suq bħala prodott mediċinali. Hemm biżżejjed evidenza li l-ewtilon qed tiġi abbużata, jew x'aktarx li tiġi abbużata, u tista' tikkostitwixxi problema soċjali u tas-saħħa pubblika li tiġġustifika t-tqegħid tagħha taħt il-kontroll internazzjonali. Għaldaqstant, id-WHO tirrakkomanda li l-ewtilon titqiegħed fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(17) L-ewtilon instabet f'20 Stat Membru u hija kkontrollata f'mill-anqas żewġ Stati Membri. Hija ġiet assoċjata ma' intossifikazzjoni mhux fatali waħda u nstabet fi tliet kampjuni bijoloġiċi assoċjati ma' avvenimenti avversi serji. Bħalissa l-ewtilon tinsab taħt monitoraġġ intensiv miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

(18) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li tiżdied l-ewtilon mal-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi.

(19) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, peress li d-deċiżjonijiet dwar l-iskedar fir-rigward tat-tliet sustanzi ser jinfluwenzaw direttament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI.

(20) Il-pożizzjoni tal-Unjoni trid tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

(21) Id-Danimarka hija marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(22) L-Irlanda marbuta bid-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni mill-Istati Membri fil-65 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi mill-14 sat-18 ta' Marzu 2022, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet dwar iż-żieda ta' sustanzi fl-Iskedi tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, għandha tkun f'konformità ma' dik stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DARMANIN

ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, matul il-65 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi skedata mill-14 sat-18 ta' Marzu 2022 dwar l-iskedar ta' sustanzi:

(1) Il-brorfina trid tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972.

(2) Il-metonitażen trid tiġi inkluża fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972.

(3) L-ewtilon trid tiġi inkluża fl-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sostanzi Psikotropiċi tal-1971.